**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **40/2022 AD**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C 3143)**

**HEKK KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURATI TAGĦHA DAN ZHOU, GORDON PACE BONELLO GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' INSERV LIMITED, MICHAEL MIFSUD, GEOFFREY DEBONO GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' GOTO MALTA CO LD U G3 HOSPITALITY LIMITED SIJA BIL-POLZA U SIJA BIL-LIĠI,**

**U KIF UKOLL L-ISTESS**

**DAN ZHOU (KI 25387A),**

**GORDON PACE BONELLO GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' INSERV LIMTIED (C 5229),**

**MICHAEL MIFSUD (KI 117649M),**

**GEOFFREY DEBONO GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' GOTO MALTA CO LTD (C 85414)**

**U G3 HOSPITALITY LIMITED (C 26935)**

**VS**

# MAPFRE MIDDLESEA P.L.C. (C 5553)

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, tlettax (13) t’Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali għal-likwidazzjoni u ħlas ta’ danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont globali ta’ €15,248.12.

**Preliminari**

2. Permezz ta’ rikors ġuramentat preżentat fis-sbatax (17) ta’ Jannar 2022, **<u>GasanMamo Insurance Ltd et</u>** ippremettew:

    a. *Illi s-soċjeta’ rikorrenti GasanMamo Insurance Limited hija s-soċjeta’ assikurattiva tal-vetturi bin-numru ta’ reġistrazzjoni LDC 807 proprjeta’ tar-rikorrenti Dan Zhou, ISL 305 proprjeta’ tar-rikorrenti Gordon Pace Bonello għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ Inserv Limited, IBF 726 proprjeta’ tar-rikorrenti Michael Mifsud u JQZ 450 proprjeta’ tar-rikorrenti Geoffrey Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ GoTo Malta Co Ltd liema vetturi huma kollha koperti permezz ta’ polza assikurattiva tat-tip ‘Comprehensive’;*

    b. *Illi s-soċjeta’ esponenti G3 Hospitality Limited gia Sunsites Limited kellha polza tal-assikurazzjoni tat-tip ‘Hoteliers Combined Package Policy’ mas-soċjeta’ esponenti li kienet tkopri, fost affarijiet oħra, il-bini Solana Hotel u SPA Harmonique fi Triq Gorg Borg Olivier, Mellieħa;*

    c. *Illi fl-4 t’April 2020 seħħ inċident awtomobilistiku f’diversi toroq fil-Mellieħa fejn il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TBC 003 misjuqa mill-assikurat tas-soċjeta’ intimata kkaġunat ħsarat fuq il-vetturi suriferiti waqt illi kienu parkeġġjati fl-imsemmija triq u kif ukoll ħsarat*

*fuq il-proprjeta' immobbli suriferita;*

d. *Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni jaħti unikament l-assikurat tas-soċjeta' intimata u dana minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti u dan bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

e. *Illi in segwitu għall-inċident suriferit, l-atturi sofrew danni globali ammontanti għal ħmistax-il elf, mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€15,248.12) in kwantu għas-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u tnax-il Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€14,612.66) rappreżentanti d-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' dan l-inċident illi għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' attriċi ai termini tal-poloz ta' assigurazzjoni relattivi, in kwantu għas-somma ta' mija u disgħa u sittin Ewro (€169.00) rappreżentanti excess payment u kiri ta' vettura alternattiva illi l-attur Dan Zhou ħallas in konnessjoni ma' dan il-każ, in kwantu għas-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150.00) rappreżentanti excess payment illi l-attur Gordon Pace Bonello għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Inserv Limited ħallas in konnessjoni ma' dan il-każ, in kwantu għas-somma ta' ħamsin Ewro (€50.00) rappreżentanti excess payment illi l-attur Michael Mifsud ħallas in konnessjoni ma' dan il-każ, in kwantu għas-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150.00) rappreżentanti excess payment illi l-attur Geoffrey Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' GoTo Malta Co Ltd ħallas in konnessjoni ma' dan il-każ u in kwantu għas-somma ta' mija u sittax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46) rappreżentanti excess payment illi s-soċjeta' attriċi G3 Hospitality Limited ħallset in konnessjoni ma' dan il-każ;*

f. *Illi interpellata sabiex tħallas, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u kwindi kellhom jiġu stitwiti l-proċeduri odjerni;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara lill-assikurat tas-soċjeta' intimata unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-4 t'April 2020 f'diversi toroq fil-Mellieħa;*

ii. *Tiddikjara lis-soċjeta' intimata unikament responsabbli għad-danni kollha li bħala konsegwenza ta' dan l-inċident awtomobilistiku ġarrbu l-atturi;*

iii. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti kollha fl-ammont globali ta' ħmistax-il elf, mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€15,248.12) okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

iv. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata Mapfre Middlesea plc fil-vesti tagħha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TBC 003 sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' danni hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 28 ta' Diċembru 2020, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru 2020 sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' intimata;*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2022, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu u jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom, filwaqt illi ordnat lir-rikorrenti sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta' Marzu 2022;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2022, is-soċjeta' **Mapfre Middlesea plc** eċċepiet:

a. *Illi l-inċident tat-traffiku mertu ta' din il-kawża seħħ fl-4 t'April 2020 ġewwa l-Mellieħa, meta l-vettura ossija trakk tal-għamla DAF mudell CF85 b'numru tar-reġistrazzjoni TBC003 misjuqa minn Thomas Bartolo*

*kienet assikurata permezz ta' polza rilaxxata mis-soċjeta' assikurattiva intimata innumerata P17044252-19;*

b. *Illi minkejja dan, l-eċċipjenti ma tistax tinstab responsabbli għall-imsemmi inċident, unikament bis-saħħa tal-imsemmija polza u dana għaliex kif ikkonfermat mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar id-29 ta' Marzu 2021 mill-Maġistrat Dottor Donatella M. Frendo Dimech, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs Thomas Bartolo detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 344690(M), dak il-ħin tal-inċident, is-sewwieq tal-imsemmija vettura targata TBC003 kien qiegħed isuq l-istess taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew tad-drga, u b'hekk aġixxa bi ksur lampanti tal-kondizzjonijeit tal-imsemmija polza, u kwindi huwa prekluż milli jinvoka l-imsemmija polza sabiex ikopri kwalsiasi obbligu tiegħu naxxenti mill-imsemmi inċident;*

c. *Illi mingħajr preġudizzju għall-rpemess, ir-rikorrenti għandhom iressqu prova tad-danni realment subiti minnhom;*

d. *Illi nonostante li l-eċċipjenti ċertament ma tistax tinstab repsonsabbli tal-inċident stradali tal-4 t'April 2020 unikament bis-saħħa tal-polza minnha rilaxxata, hija ben konsapevoli tal-obbligi tagħha a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u kwindi fl-eventwalita' illi tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tħallas id-danni reklamati mir-rikorrenti, in toto jew in parte, titlob illi jiġi riżervat favur tagħha d-dritt ta' rivalsa kontra Thomas Bartolo qua s-sewwieq tal-vettura li kkawżat id-danni mertu ta' din il-kawża, u l-eċċipjenti qiegħda tirriżerva minn issa d-dritt li tikkjamah fil-kawża jekk tħoss ili jkun meħtieġ;*

e. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat sbatax (17) ta' Jannar 2022;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2022;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Andrea Bondin**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 2022[1], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok AB1 sa Dok AB22** a fol 21 *et seq* tal-proċess;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Daniel Grima**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022[2];

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dan Zhou** waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022[3];

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022[4], u rat il-kopja tal-atti tal-Kumpilazzjoni Nru 352/2020 minnha esebita u mmarkata bħala **Dok SCT1** a fol 177 *et seq* tal-proċess;

12. Rat il-kopja legali tal-ittra uffiċjali datata 28 ta' Diċembru 2020, esebita mir-rikorrenti bħala **Dok CG1** a fol 430 tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Claudette Fenech**, in rappreżentanza tal-**Malta Business Registry**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022[5], u rat id-dokumenti minnha

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 18 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 166 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 170 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 174 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 431 *et seq* tal-proċess

esebiti u mmarkati **Dok CF1 u Dok CF2** a fol 439 *et seq* u 454 *et seq* rispettivament;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Antoine Mifsud**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022[6];

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Gordon Pace Bonello**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2022[7];

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Maurizio Agius**, in rappreżentanza ta' **GoTo Car Sharing**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Mejju 2022[8], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MA1** a fol 487 *et seq* tal-proċess;

17. **Rat illi, waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2023, is-soċjeta' konvenuta ddikjarat illi l-*quantum* kif mitlub mir-rikorrenti m'għadux qed jiġi kontestat;**

18. Rat illi, waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti rrimettew ruħhom għal dak li jirriżulta mill-atti;

19. Semgħet it-trattazzjoni finali tas-soċjeta' konvenuta waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2023;

20. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

21. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

### Konsiderazzjonijiet Legali

22. Fl-ewwel lok jingħad illi, hekk kif ġie verbalizzat mis-soċjeta' kovenuta waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2023, **il-*quantum* mitlub mir-rikorrenti**,

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 468 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 478 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 483 *et seq* tal-proċess

u cioe s-somma kumplessiva ta' **ħmistax-il elf, mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€15,248.12)**, **mhux qed jiġi kontestat mis-soċjeta' konvenuta**. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta fit-tielet paragrafu tar-risposta tagħha;

23. Stabbilit il-premess, jonqos issa illi din il-Qorti tindaga jekk huwiex minnu illi s-soċjeta' konvenuta ma tistax tinsab responsabbli għall-imsemmi inċident, u/jew jekk għandhiex tħallas id-danni reklamati mir-rikorrenti bir-riserva a favur tagħha d-dritt ta' rivalsa kontra s-sewwieq tal-vettura illi kkawża l-inċident stradali u, konsegwentement, id-danni mertu tal-kawża odjerna;

24. Is-soċjeta' konvenuta mhix tikkontesta l-fatt illi l-vettura, ossia trakk tal-għamla DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni TBC 003, misjuqa minn Thomas Bartolo, kienet assikurata permezz ta' polza rilaxxata minnha stess. Lanqas qed jiġi kontestat illi l-istess Thomas Bartolo huwa l-persuna illi kkawża l-inċident tat-traffiku mertu tal-kawża odjerna;

25. Jirriżulta mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Thomas Bartolo***[9] fid-29 ta' Marzu 2021, illi Thomas Bartolo ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, fosthom ili huwa saq, ipprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi, bi ksur tal-Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u li kellu fil-pusess tiegħu droga kokaina bi ksur tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. **Ġie sodisfaċentement pruvat għalhekk illi għall-inċident li seħħ fl-4 t'April 2020 f'diversi toroq fil-Mellieħa kien unikament responsabbli t-terz Thomas Bartolo**;

26. Din il-Qorti tqis illi gialadarba Thomas Bartolo kien, fil-mument tal-inċident stradali, taħt l-effett ta' sustanzi illeċiti, huwa probabbli illi kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni. Madanakollu, kemm peress

[9] A fol 419 *et seq* tal-proċess

illi kopja tal-polza tal-assikurazzjoni relattiva ma tressqitx mis-soċjeta' konvenuta, b'dana illi din il-Qorti ma ratx it-termini u kundizzjonijiet illi kienu jirregolaw l-istess polza, u kemm peress illi, fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' konvenuta hija kostretta, fit-termini tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, illi tħallas lir-rikorrenti l-ammont minnhom reklamat u mhux kontestat, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas id-danni pretiżi mir-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' **ħmistax-il elf, mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€15,248.12)**;

27. Ikkunsidrati, iżda, iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u cioe l-fatt illi s-sewwieq tal-vettura assikurata mis-soċjeta' konvenuta kien taħt l-effett ta' sustanzi illeċiti fil-mument tal-akkadut, **din il-Qorti sejra tagħti lis-soċjeta' intimata d-dritt ta' rivalsa kontra Thomas Bartolo għal kull esbors erogat minnha**;

28. F'dawk illi huma l-imgħaxijiet dovuti fuq l-ammont likwidat, il-Qorti tagħraf illi l-Artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi imgħaxijiet f'kull każ illi m'huwiex obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali, għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, illi, fil-każ odjern, jirriżulta illi kien is-sitta (6) ta' Jannar 2021[10] permezz tal-ittra uffiċjali numru 4572/2020. Madanakollu, din il-Qorti qieset illi għandha raġun is-soċjeta' intimata ssostni illi, f'din l-ittra uffiċjali, ir-referenza għas-soċjeta' Sunsites Limited hija waħda żbaljata, u infatti hija Sunsites Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 5880 illi ġiet indikata bħala s-soċjeta' illi qed tagħmel l-interpellazzjoni fl-ittra uffiċjali, u mhux is-soċjeta' Sunsites Limited (konsegwentement G3 Hospitality Ltd illi hija parti mill-kawża odjerna) bin-numru ta' reġistrazzjoni C 26935. Għaldaqstant jirriżulta illi l-ewwel darba illi saret sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju mis-soċjeta' G3 Hospitality Ltd kien meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, cioe nhar is-sbatax (17) ta' Jannar 2022. Għaldaqstant, filwaqt illi l-imgħaxijiet legali fir-rigward tar-rikorrenti kollha għandhom jitqiesu illi bdew jiddekorru sa mis-sitta (6) ta' Jannar 2021, fil-każ ta' G3 Hospitality Ltd dawn għandhom jitqiesu illi bdew jiddekorru sa mis-sbatax (17) ta' Jannar 2022.

[10] Vide **Dok CG1** a fol 430 tal-proċess

**Decide**

29. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba rikorrenti u tiddikjara lill-assikurat tas-soċjeta' intimata unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-4 t'April 2020 f'diversi toroq fil-Mellieħa;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba rikorrenti u tiddikjara lis-soċjeta' intimata repsonsabbli għad-danni kollha bħala konsegwenza ta' dan l-inċident awtomobilistiku;

(iii) **<u>Tilqa</u>'** t-tielet talba u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont globali ta' €15,248.12, bl-imgħaxijiet legali dekorribbli fil-konfront tas-soċjeta' G3 Hospitality Ltd mis-sbatax (17) ta' Jannar 2022 sad-data tal-effettiv pagament, filwaqt illi fil-konfront tar-rikorrenti l-oħra mis-sitta (6) ta' Jannar 2021 sad-data tal-effettiv pagament;

(iv) **<u>Tilqa</u>'** r-raba' talba u tikkundanna lis-soċjeta' intimata fil-vesti tagħha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TBC 003 sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' danni hekk likwidata;

(v) **<u>Tilqa</u>'** r-raba' eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' intimata u tiddikjara illi qed jiġi riżervat favur tagħha d-dritt ta' rivalsa kontra Thomas Bartolo qua s-sewwieq tal-vettura li kkawżat id-danni mertu ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 28 ta' Diċembru 2020, kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**